

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-Konsum u l-Produzzjoni Sostenibbli u l-Politika Industrijali Sostenibbli – Pjan ta' Azzjoni**

COM(2008) 397 finali

(2009/C 218/10)

Nhar is-16 ta' Lulju 2008, il-Kummissjoni Ewropea ddeċidiet, b'konformità mal-Artikolu 262 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li tikkonsulta l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

*"il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-Konsum u l-Produzzjoni Sostenibbli u l-Politika Industrijali Sostenibbli – Pjan ta' Azzjoni"*

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għall-Agricoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar it-28 ta' Jannar 2009. Ir-rapporteur kien is-Sur ESPUNY MOYANO.

Matul l-451 sessjoni plenarja tiegħu li nżammet fil-25 u s-26 ta' Frar 2009 (seduta tal-25 ta' Frar 2009), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'104 voti favur u 2 astensjonijiet.

## 1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Il-KESE jilqa' d-dokument imressaq mill-Kummissjoni bit-titlu "il-Konsum u l-Produzzjoni Sostenibbli u l-Politika Industrijali Sostenibbli – Pjan ta' Azzjoni", li jinkludi t-tħejija ta' numru ta' miżuri ġodda u l-modifika ta' dispożizzjonijiet leġislattivi differenti. Il-KESE diġà afferma l-impenn tiegħu favur l-iżvilupp sostenibbli bħala mezz sabiex jinkiseb l-iżvilupp ambjentali, ekonomiku u soċjali fl-Unjoni Ewropea.

1.2 Il-Kumitat jixtieq jenfasizza l-vulnerabilità tal-kumpaniji, speċjalment l-intrapriżi ż-żgħira u ta' daqs medju (SMEs) f'dawn il-mument ta' kriżi ekonomika u finanzjarja, u l-bżonn li jiġi assigurat li l-Pjan ta' Azzjoni jiġi implimentat b'tali mod li jippromovi l-effiċjenza u l-kompetittività kummerċjali. Il-Pjan għandu jgħin ukoll biex l-ekonomija tirkupra filwaqt li fl-istess ħin iħeġġeġ il-produzzjoni u l-konsum sostenibbli.

1.3 Il-Pjan ta' Azzjoni propost mill-Kummissjoni jgħid minn ċertu nuqqas ta' preċiżjoni fir-rigward tal-kontenut u l-iskop tiegħu. Għalhekk, hemm bżonn li jiġu ċċarati dawn il-punti sabiex jiġi applikazzjoni u l-evalwazzjoni tiegħu mis-setturi ekonomiċi kkonċernati. F'dan il-kuntest il-KESE jitlob lill-Kummissjoni li l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni ssir bil-kollaborazzjoni tas-setturi kkonċernati, filwaqt li jinżammu kriterji xjentifiċi u tekniċi sodi, ċari u applikabbli fil-prattika.

1.4 Sabiex tiġi kkomplementata l-ħidma li għandha titwettaq mis-setturi ekonomiċi, il-KESE jitlob li jitħejjew miżuri ta' appoġġ, b'mod partikulari fir-rigward tar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni, u jfakkar li huwa preċiżament f'perijodu ta' kriżi li hemm bżonn li jiġu intensifikati dawn l-attivitajiet.

1.5 Huwa importanti ferm li l-Kummissjoni taċċetta l-fatt li s-setturi kollha kkonċernati għandhom jipparteċipaw fl-iżvilupp tal-Pjan ta' Azzjoni. Għalhekk, il-KESE jixtieq jesprimi t-tħassib tiegħu fir-rigward tal-forum tal-bejjiegħa bl-impenn, li fil-fehma tiegħu huwa inizzjattiva parzjali li għandha tiġi rrifjutata billi hija timponi ċerti kondizzjonijiet fuq il-fornituri mingħajr il-qbil tagħhom, sempliċement minħabba pożizzjoni qawwija fis-suq. Tali forum jista' jitqies aċċettabbli u vijabbli biss jekk jiġi ssostitwit minn forum li jinvolvi lis-setturi kollha kkonċernati fuq livell ugwali.

1.6 Fir-rigward tal-proposta dwar l-ekodisinn, il-KESE jixtieq jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li r-rekwiżiti ambjentali għandhom jifissru f'termini tal-għanijiet li għandhom jinkisbu aktar milli f'termini tas-soluzzjonijiet tekniċi li hemm bżonn li jiġu implimentati. It-titjib kontinwu tal-kwalità ambjentali tal-prodotti għandu jsir permezz tal-analiżi taċ-ċiklu ta' ħajja tagħhom, li għandu jqis kriterji bħall-emissjoni ta' gassijiet b'effett ta' serra, il-konsum tal-ilma, l-użu tal-enerġiji mhux rinnovabbli, it-tnaqqis tal-bijodiversità, it-tniġġis tal-arja u tal-ħamrija, eċċ. Is-soluzzjoni ideali tista' tintlaħaq biss jekk dawn il-fatturi kollha jitqiesu b'mod sħiħ permezz tal-metodoloġija u l-appoġġ xjentifiku adegwat.

1.7 Fir-rigward tat-tikkettjar, il-KESE jixtieq ifakkar li għalkemm it-tikketti huma strument importanti, mhumiex l-uniku mezz eżistenti kif il-konsumaturi jkunu infurmati, li hemm bżonn li d-dispożizzjonijiet f'dan il-qasam jiġu armonizzati sabiex jinkisbu l-oġġettivi, u li ċerti setturi bħall-produzzjoni tal-ikel diġà għandhom regoli stretti f'dan il-qasam. Il-KESE jqis li l-edukazzjoni tal-konsumaturi hija s-soluzzjoni ideali sabiex titqajjem il-kuxjenza u jiżdied l-għarfien tal-konsumaturi biex b'hekk ikunu jistgħu jbiddu l-mod kif jikkunsmaw.

1.8 Fl-aħħar nett, il-KESE jixtieq jirrepeti li l-isforzi kollha li għandhom iwettqu l-aġenti ekonomiċi Ewropej fl-applikazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni għandhom jiġu applikati wkoll għall-prodotti importati, sabiex jiġi evitat l-istabbiliment ta' sistema diskriminatorja u dannuża għall-produtturi Ewropej fis-suq intern tagħhom.

## 2. Sommarju tal-Proposta tal-Kummissjoni

2.1 L-Unjoni Ewropea ħadet passi importanti biex tilħaq l-għanijiet ta' tkabbir u impjeg stabbiliti fl-Istrateġija ta' Liżbona. Issa l-isfida hija li dan il-progress ekonomiku jiġi integrat f'qafas ta' sostenibilità u skont il-Kummissjoni, din hija kwistjoni li għandha tiġi indirizzata mill-aktar fis.

2.2 Għalhekk il-Kummissjoni qiegħda tippreżenta l-istrateġija tagħha fil-komunikazzjoni COM(2008)397 finali, li hija maħsuba sabiex tappoġġja approċċ integrat fil-livell Komunitarju biex jiżdiedu l-konsum u l-produzzjoni sostenibbli u tiġi promossa politika industrijali sostenibbli. Din l-istrateġija tikkomplementa l-politiki eżistenti dwar l-użu tal-enerġija, b'mod partikulari l-pakkett dwar l-enerġija u l-klima adottat mill-Kummissjoni fl-2008.

2.3 Fil-Komunikazzjoni tagħha, il-Kummissjoni tippreżenta Pjan ta' Azzjoni, maħsub sabiex itejjeb il-karatteristiċi tal-enerġija u dawk ambjentali tal-prodotti u jippromovi l-użu tagħhom mill-konsumaturi. L-għan aħħari huwa t-titjib tal-prestazzjoni ambjentali tal-prodotti matul iċ-ċiklu ta' haġja tagħhom, filwaqt li titpoġġja enfasi fuq prodotti li għandhom potenzjal sinjifikanti li jnaqqsu l-impatti ambjentali. Għalhekk l-isfida reali hija li jinħoloq ċirku virtuoż: it-titjib tal-prestazzjoni ambjentali ġenerali tal-prodotti matul iċ-ċiklu ta' haġja tagħhom, il-promozzjoni u l-istimolu tad-domanda għal prodotti u teknoloġiji ta' produzzjoni aħjar u l-għajnuna lill-konsumaturi biex jagħmlu għażliet aħjar permezz ta' tikkettjar aktar koerenti u ssemplifikat, filwaqt li fl-istess ħin l-ekonomija Ewropea ssir aktar kompetittiva.

2.4 Il-Pjan ta' Azzjoni għandu tmien miżuri ta' sostenn, kif speġġat hawn taħt:

2.4.1 **Ekodisinn għal iktar prodotti.** S'issa, id-Direttiva tal-Ekodisinn tistabbilixxi rekwiżiti minimi għal prodotti li jużaw l-enerġija bħall-kompjuters, heaters, televixins u fannijiet industrijali. Il-Kummissjoni għandha l-għan li tuża dan il-pjan sabiex testendi d-direttiva biex din tkopri prodotti relatati mal-enerġija li ma jikkunsmawx enerġija matul l-użu tagħhom iżda li għandhom impatt indirett, bħat-twieqi, pereżempju. Flimkien ma' dawn ir-rekwiżiti minimi, id-direttiva ser ikollha tiddefinixxi l-benchmarks volontarji tal-prestazzjoni ambjentali li jeħtieġ li jiksibu l-prodotti li jirrispettaw l-ambjent.

2.4.2 **Tisħiħ tat-tikkettjar tal-enerġija u dak ambjentali.** It-tikkettjar huwa garanzija ta' trasparenza għall-konsumaturi, billi jipprovdi informazzjoni dwar l-enerġija jew il-prestazzjoni ambjentali ta' prodott. Il-Kummissjoni, għalhekk, tipproponi li testendi l-obbligu tat-tikkettjar għal medda usa' ta' prodotti,

inklużi prodotti li jużaw l-enerġija u prodotti oħra relatati mal-enerġija. Il-lista ta' prodotti koperti mid-Direttiva 92/75/KEE dwar it-tikkettjar tal-enerġija, li preżentament tirrikjedi li l-apparat elettriku tad-dar jindikaw l-konsum tal-enerġija tiegħu, għandha l-ewwel nett tiġi estiża għal prodotti oħra bħat-twieqi, li għandhom jindikaw il-kapaċità tagħhom ta' insulazzjoni. It-tieni nett, l-iskema volontarja eżistenti ta' ekotikkettjar, li tippremja l-prodotti li jirrispettaw l-iktar l-ambjent, għandha tkun issemplifikata u estiża sabiex tkopri servizzi u prodotti bħall-prodotti tal-ikel u tax-xorb.

2.4.3 **Incettivi.** Il-Pjan ta' Azzjoni jipproponi li l-prodotti li jiksibu ċertu livell ta' enerġija u prestazzjoni ambjentali biss ikunu jistgħu jirċievu incettivi u jinxtraw mill-Istati Membri u mill-istituzzjonijiet tal-Komunità, permezz ta' identifikazzjoni skont il-klassijiet ta' tikkettjar fejn dan huwa obbligatorju. Id-deċiżjoni dwar meta u jif jiġu allokati l-incettivi għandha tibqa' fidejn l-Istat Membru.

2.4.4 **Il-promozzjoni tal-appalti pubbliċi ekoloġiċi.** L-awtoritajiet pubbliċi jużaw 16 % tal-Prodott Gross Domestiku tal-UE għax-xiri ta' prodotti u servizzi. Ix-xiri ta' prodotti u servizzi ekoloġiċi jista' jibgħat messaġġ ċar lis-suq u jistimola d-domanda għal dawn it-tip ta' prodotti u servizzi. Għalhekk il-Kummissjoni tipproponi Komunikazzjoni ġdida dwar l-appalti pubbliċi ekoloġiċi, li tipprovdi lill-awtoritajiet pubbliċi bi gwida għall-ksib ta' dan l-għan u li tinkludi kriterji komuni kif ukoll għanijiet u speċifikazzjonijiet tekniċi ta' appalti.

2.4.5 **Data u metodi konsistenti.** Dawn huma indispensabbli sabiex jiġu analizzati l-prestazzjoni ambjentali tal-prodotti, it-tqegħid tagħhom fis-suq u l-progress miksub.

2.4.6 **Ħidma mal-bejgieħa bl-immnut u l-konsumaturi.** Ser jinħoloq forum dwar il-kummerċ bl-immnut sabiex jiġi promoss ix-xiri ta' prodotti aktar sostenibbli, jitnaqqas l-impatt ambjentali tas-settur tal-bejgħ bl-immnut u tal-katina ta' provvista tiegħu u sabiex il-konsumaturi jiġu infurmati aħjar.

2.4.7 **Spinta lill-użu effiċjenti tar-riżorsi, lill-ekoinnovazzjoni u lit-tisħiħ tal-potenzjal ambjentali tal-industrija.** Peress li użu effiċjenti tar-riżorsi jfisser il-ħolqien ta' valur ikbar b'anqas riżorsi, il-Kummissjoni tipproponi l-konsolidazzjoni tal-isforzi attwali permezz ta' monitoraġġ, promozzjoni u benchmarking. Tinħtieġ ukoll ħidma fil-qasam tal-ekoinnovazzjoni, sabiex tissaħħaħ l-importanza tagħha fil-politika Ewropea ta' innovazzjoni. Il-Kummissjoni tipproponi wkoll li tiġi stabbilita skema Ewropea ta' verifika tat-teknoloġija ambjentali, li tkun ta' natura volontarja u tirċievi finanzjament pubbliku, sabiex tħeġġeġ il-fiduċja fit-teknoloġiji l-ġodda li qed ifiġġu fis-suq. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tipproponi r-reviżjoni tal-iskema attwali ta' immaniġġjar u verifika tal-ambjent (EMAS) sabiex tgħin lill-intrapriżi jtejbu kemm jistgħu l-proċessi ta' produzzjoni tagħhom u jagħmlu użu iktar effettiv tar-riżorsi. L-għan huwa li tiżdied il-parteċipazzjoni tal-kumpaniji u jitnaqqsu l-ispejjeż għall-Intrapriżi ż-Żgħar u ta' Daqs Medju.

2.4.8 **Azzjonijiet globali.** Il-Kummissjoni testendi l-ambizzjonijiet tagħha għax-xena internazzjonali, billi fil-proposta tagħha tinkludi l-promozzjoni ta' ftehim settorjali fin-negozjati internazzjonali dwar il-bidla fil-klima, it-tteġġig ta' prattika tajba u l-kooperazzjoni f'dan il-qasam u l-istimolu tal-kummerċ internazzjonali fi prodotti u servizzi.

2.5 Dawn l-għanijiet, li huma spjegati fil-Pjan ta' Azzjoni, huma akkumpanjati minn tliet proposti leġiżlattivi:

- għall-estenzjoni tad-Direttiva tal-Ekodisinn,
- għar-reviżjoni tar-Regolament tal-Ekotikketta, u
- għar-reviżjoni tar-Regolament EMAS,

kif ukoll minn Komunikazzjoni dwar Appalti Pubbliċi Ekoloġiċi.

### 3. Kummenti ġenerali

3.1 Il-KESE jilqa' din l-inizjattiva ambizzjuża tal-Kummissjoni Ewropea, li tirrappreżenta pass lejn il-ksib ta' mudell Komunitarju ta' sostenibilità u jfakkar li s-sostenibilità tal-mudell Komunitarju diġà ġiet ikkunsidrata f'numru ta' studji u opinjonijiet maħruġin mill-Kumitat, fosthom:

- Rapport ta' Progress Biennali dwar l-Istrateġija tal-UE għall-Iżvilupp Sostenibbli <sup>(1)</sup>
- L-impatt tar-regoli ambjentali Ewropej fuq il-bidliet industrijali <sup>(2)</sup>
- Il-produzzjoni ekoloġika <sup>(3)</sup>.

3.2 Il-kunċett ta' sostenibilità jirrikjedi l-integrazzjoni ta' tliet pilastri fundamentali: il-pilastru ambjentali, dak soċjali u dak ekonomiku. Il-KESE jappoġġja l-għan tal-Pjan ta' Azzjoni li jtejjeb l-impatt ambjentali tal-prodotti matul iċ-ċiklu ta' ħajja tagħhom iżda jfakkar ukoll li l-pilastru l-oħra – li jkopru l-aspetti soċjali u ekonomiċi – m'għandhomx jitwarrbu, jekk l-intenzjoni hija ġenwinament li jkun hemm kontribuzzjoni għas-sostenibilità tal-mudell.

### 3.3 Il-kuntest attwali

3.3.1 Wara li studjat is-suġġett għal diversi snin, f'Lulju 2008, il-Kummissjoni ddeċidiet li tnedi l-Komunikazzjoni dwar il-Konsum u l-Produzzjoni Sostenibbli u l-Politika Industrijali Sostenibbli – Pjan ta' Azzjoni.

3.3.2 L-industrija ekonomika tal-Ewropa qiegħda mingħajr dubju tiffaċċja sfida kbira u teħtieġ mudell ġdid ta' produzzjoni u konsum ibbażat fuq is-sostenibilità. L-ambizzjoni tal-proposta m'għandhiex, madankollu, tnessina l-kuntest li fiha ġiet żviluppata l-istrateġija u l-miżuri leġiżlattivi li jakkumpanjawha. L-ekonomiji kollha tad-dinja attwalment qiegħdin jesperjenzaw perijodu ta' kriżi finanzjarja, li qiegħed jobbligahom jadottaw miżuri (nazzjonali, Komunitarji u multilaterali), anke jekk mingħajr riżultat immedjat.

3.3.3 F'dawn iċ-ċirkostanzi delikati, li għadhom qed jiġu solvuti, il-Kumitat jixtieq jiġbed l-attenzjoni tal-leġiżlaturi għall-effetti potenzjali ta' dan il-pakkett ta' miżuri fuq l-ekonomija reali li għaliha huwa ddestinat – l-industrija u l-konsumaturi. Mingħajr ħsara għall-għanijiet rispettabbli tagħha, li jistgħu jinkisbu fuq perijodu medju, il-proposta għandha tqis il-perijodu qasir u ma toħloqx inċertezza jew tgħabbi l-ekonomija industrijali b'piżijiet addizzjonali.

3.4 L-aspetti ewlenin ta' inizjattiva daqshekk vasta huma ċ-ċarezza u l-ispeċifità tal-messaġġi; għalhekk ikun preferibbli li l-Kummissjoni tidentifika b'mod aktar ċar liema setturi ekonomiċi huma affettwati minn din il-proposta u fliema oqsma speċifiċi. Fl-aħħar nett, il-KESE jixtieq jenfasizza li l-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni ma jagħtix biżżejjed attenzjoni lill-metodoloġija u l-bażi xjentifika meħtieġa biex tinkiseb sistema komuni ta' evalwazzjoni ta' impatt u biex tipprevjeni l-proliferazzjoni ta' skemi li jgħibu fid-dubju l-prinċipji tas-suq intern li jiżgwidaw lill-konsumatur.

3.5 Il-KESE jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni, li għandha l-għan li toffri inċentivi ġenerużi sabiex tappoġġja l-isforzi li l-kumpanniji jkollhom jagħmlu biex jadattaw għaċ-ċirkostanzi l-ġodda. B'dan il-mod, skont il-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas", daww li jippruvaw itejbu l-ambjent u speċjalment il-produzzjoni u l-konsum sostenibbli, għandhom jiġu megħjuna.

3.6 Jekk fil-fatt dan il-Pjan ta' Azzjoni propost mill-Kummissjoni jirrikjedi li l-produtturi Ewropej jagħmlu sforzi konsiderevoli ta' adattament u titjib, il-KESE jixtieq jiġbed l-attenzjoni għall-bżonn li jkun hemm konformità stretta mal-obbligazzjonijiet il-ġodda li ser jiġu imposti. Għalhekk il-Kummissjoni tiżgura li l-prodotti importati u l-prodotti Ewropej jiġu ttrattati bl-istess mod fis-suq Komunitarju, sabiex jiġu evitati sitwazzjonijiet ta' diskriminazzjoni u trattament preferenzjali li jippenalizzaw inġustament lill-produtturi Ewropej. Għalhekk, il-Kumitat iqis li jeħtieġ li titwettaq analiżi minn qabel u approfondita mil-lat tas-suq intern bil-għan li jiġi żgurat li ma jkunx hemm diskriminazzjoni bejn il-prodotti Komunitarji u l-prodotti li għejjin minn terzi pajjiżi.

3.7 Wieħed mill-aspetti ewlenin tal-Pjan ta' Azzjoni huwa l-Forum tal-Bejgħ bl-Imnut. Minkejja l-fatt li l-Kumitat japprova l-għan iddikjarat (użu sostenibbli tar-riżorsi naturali limitati), ma jaħsibx li l-istabiliment ta' forum ta' ħidma mmexxi mill-industrija tal-bejgħ bl-imnut huwa l-aħjar mezz kif dan jista' jinkiseb.

<sup>(1)</sup> Rapporteur: Is-Sur Ribbe; ĠU C 256, 27.10.2007.

<sup>(2)</sup> Rapporteur: is-Sur Pezzini; ĠU C 120, 16.5.2008.

<sup>(3)</sup> Rapporteur: is-Sinjura Darmanin; ĠU C 224, 30.8.2008.

3.7.1 B'hekk, fis-sitwazzjoni attwali tas-suq (il-bejjiegħa bl-imnut huma f'it iżda għandhom poter konsiderevoli, filwaqt li fost il-produtturi hemm għadd kbir ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju), l-uniku riżultat miksub huwa pressjoni ikbar fuq il-fornituri u diskriminazzjoni bejn il-prodotti. Sabiex il-forum tal-bejjiegħa bl-imnut jaħdem mingħajr problemi u b'mod ibbilanċjat, ikun iktar loġiku li jiġu ddefiniti l-metodi ta' ħidma tiegħu; il-forum tal-bejjiegħa bl-imnut għandu jiġbor fih il-partijiet kollha kkonċernati tal-katina ta' provvista (produtturi, bejjiegħa bl-imnut, is-settur tal-loġistika, il-konsumaturi u d-dinja akkademika) fuq l-istess livell sabiex jiġi assigurat li jaħdmu flimkien biex isibu s-soluzzjonijiet.

3.7.2 Il-pjattaforma għandha tippromovi wkoll miżuri volontarji b'mod partikulari foqasma li jittrattaw metodi ta' kejl u dispożizzjonijiet għat-titjib tas-sostenibilità tal-prodotti matul il-katina kollha.

3.8 Fir-rigward tad-Direttiva tal-Ekodisinn, il-KESE jixtieq jesprimi t-tħassib tiegħu rigward l-ambigwiżità tad-definizzjoni ta' "prodotti relatati mal-enerġija". Għandu jkun indikat b'mod ċar x'inhu mfisser b'dan u preċiżament liema prodotti ser ikunu koperti minn din il-proposta, għax dan huwa l-uniku mod kif jista' jiġi żgurat livell minimu ta' ċertezza legali fil-katina ekonomika.

3.9 Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni jinkludi dispożizzjonijiet ġodda għat-tikkettjar. F'dan ir-rigward, il-KESE jixtieq jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li t-tikkettjar ambjentali għandu jiġi promoss aħjar sabiex jiżdied l-użu tiegħu mill-industrija. Il-KESE jixtieq juri f'dan ir-rigward li l-aktar soluzzjoni adegwata

tkun li dawn id-dispożizzjonijiet jiġu standardizzati sabiex tiġi ffaċilitata l-konformità mal-għanijiet stabbiliti.

3.9.1 Barra minn hekk, xi setturi bħall-industrija tal-ikel u x-xorb diġà għandhom rekwiżiti ta' tikkettjar eżiġenti ħafna minħabba n-natura tal-prodotti tagħhom, u huma koperti minn regolamenti speċifiċi.

3.9.2 Kif għamel f'okkażjonijiet oħra, il-Kumitat ifakkar li hemm mezzijiet oħra kif jistgħu jkunu infurmati l-konsumaturi, bħal siti tal-Internet u numri freephone, li huma wkoll validi għal dak li qiegħda tippromovi l-Kummissjoni. Ser ikun neċessarju li titwettaq ħidma ta' analiżi fuq it-tikkettjar tal-prodotti, kemm fir-rigward tal-kontenut kif ukoll tal-forma. Hemm bżonn ukoll li tiġi promossa l-istandardizzazzjoni tal-informazzjoni li tidher fuq it-tikketti u l-brand tal-prodotti, peress li din tista' tħaffef l-iskambji, tgħin lill-konsumatur u tirrappreżenta xi vantaġġi għall-produttur innifsu. Madankollu, b'mod aktar ġenerali, fil-fehma tal-KESE, l-edukazzjoni tal-konsumaturi hija s-soluzzjoni ideali sabiex titqajjem il-kuxjenza u jiżdied l-għarfien tal-konsumaturi biex b'hekk ikunu jistgħu jbiddu l-mod kif jikkunsmaw.

3.10 Il-Kumitat jiddispijaċi li l-Kummissjoni ma tappoġġjax b'mod aktar deċiżiv lir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni (R+D+i), bħala miżura biex tappoġġja l-Pjan ta' Azzjoni tagħha. Huwa speċjalment f'perijodu ta' kriżi li hemm bżonn li jinżammu l-isforzi fir-riċerka. Għalhekk jipproponi li jissaħħu l-attivitajiet tar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni fl-oqasma kollha konnessi mal-produzzjoni u l-konsum sostenibbli.

Brussell, 25 ta' Frar 2009.

Il-President  
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew  
Mario SEPI